# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

# S.T.O. PRIM IMĦALLEF
# JOSEPH AZZOPARDI

## Illum il-Ġimgħa, 13 ta' Lulju 2018

**Kawża Nru: 1**

**Rikors Ġuramentat Nru: 247 / 05 JA**

**A B f'isimha proprju u bħala kuratriċi *'ad litem'* ta' wliedha C u D, u dan b'digriet tas-26 ta' Lulju 2005.**

**-vs-**

**E B**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors tat-18 ta' April 2013 li permezz tiegħu l-attriċi talbet illi l-istess Qorti tippronunzja l-ħall taz-żwieġ skont l-artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili minflok it-talba tagħha għal separazzjoni kif rikjest fir-rikors promotur;

Rat ir-risposta tad-19 ta' Ġunju 2013 li permezz tagħha l-konvenut iddikjara li ma jopponix għat-talba tal-attriċi dwar il-pronunzjament tad-divorzju;

Rat is-sentenza parzjali *ai termini* tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili datata 25 t'Ottubru 2013;

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Ġunju 2018 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza biex iż-żwieġ jinħall wara li l-partijiet waslu għal separazzjoni konsenswali u l-kuntratt relattiv gie ppubblikat;

Rat l-artikolu **66(D) (2)** tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta illi jgħid illi:

*"Fejn il-miżżewġin ikunu diġà separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-Qorti, il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel it-talba għad-divorzju tista' tressaq biss talba għall-ħall taż-żwieġ."*

Rat illi jeżistu r-rekwiżiti kollha biex it-talba tiġi milqugħa.

**Għaldaqstant il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet l-oħra fir-rikors promotur kif ukoll tal-kontro-talba tal-konvenut *stante* li dawn ġew ċeduti, tilqa' t-talba kontenuta fir-rikors imsemmi tat-18 t'April 2013, u tiddikjara l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.**

**Il-Qorti tordna n-notifika ta' dan il-ħall taż-żwieġ lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.**

**L-ispejjeż ta' din is-sentenza jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Joseph Azzopardi**
**S.T.O. Prim Imħallef**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**